# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DIGRIET

**Kaz/ Numru 3159 /JHP**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol bejn**

**Avukat Dr Ivan Sammut u**

**NSFX Limited (C56519)**

*dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta*

**Illum l-Erbgha 23 ta' April 2014**

**Chairman: James Pearsall**

1. **Dahla**

   Nhar il-Erbgha 26 ta Frar 2014, Dr. Ian Spiteri Bailey li qieghed jidher ghas socjeta intimata, ipprezenta rikors Nru 2559 fejn fih ghamel talb sabiex jirrevoka il mandat ta' sekwestru Kawtelatorju Nru 153/14 li kien hareg fit-28 ta' Jannar 2014 fil konfront tas-Socjeta intimat u dan ghal ammont ta'tnejn u sebghin elf Euro ( 72.000 euro) eskluz l-ispejjez u l-imghax. .

**2 Lista ta Dokumenti:**

2.1 Rikors tas-Socjeta intimata NSFX Limited (C-56519) sottomess minn Dr Ian Spiteri Bailey fis -26 ta'Frar 2014.

2.2 Risposta mir-rikorrent Dr Ivan Sammut sottomessa minnu u mis-Sur-Alfred Mallia MIlanes, fil-11 ta'Marzu 2014.

**2 Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal:**

It-Tribunal Industrijali ha nota tar-rikors ipprezentat mis-socjeta intimata kif ukoll in-nota b'r-risposta mir-rikorrent fejn fit-talba taghha is-socjeta intimata qieghda titlob sabiex jigi irrevokat il-Mandat Kawtelatorju Nru 153/14 fit-totalita tieghu jew b'mod parzjali sabiex dan ikun jirrifletti ahjar kawtela ragjonevoli u proporzjonata in kwantu l-pretenzjonijiet tar-rikorrent. Minn naha tieghu ir-rikorrent fl-istess risposta tieghu jaghmel indikazzjoni cara li mhux qieghed jogezzjona ghat-talba min naha tas-Socjeta intimata huwa qieghed permes ta kontro mandat jillimita il-Mandat sabiex jigi rrevokat parzjalment.

It-Tribunal Industrijali kkunsidra bir-reqqa dak li kellhom xi jghidu il-partijiet fil prezentati noti imsemmija fejn il-partijiet gharfu il-principju ragjonevoli tal-proporzjonalita relatata mall-pretensjonijiet in kwistjoni

Abbazi ta’ dokumenti prezentati,dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi ghalkemm hemm lok li l-att kawtelatorju ma jibqax fis-sehh ,mhuwiex daqstant tal-fehma illi l-att kawtelatorju jigi revokat ghall kollox.

Ghalhekk dan it-Tribunal jiddeciedi li jilqa parti mit-talba mitluba mis-Socjeta intimata sabiex il- Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju (Numru 153/14) ghandu jinzamm parzjalment fis-sehh **Biss** fil-konfront tal-Bank of Valetta p.l.c.fejn jirreferi ghac-Cedola ta’depozitu numru 212/14.

Sadanittant is-smiegh tal-kaz ghandu jkompli

L-ispejjez tal procedura odjerna jithallsu mis-socjeta intimata ghajr dawk li jaqghu taht klawsola (b) imsemija fir-rikors kif prezentat mill l-istess socjeta

James Pearsall
Chairman